MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 83/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**
**Vs**

**Matthew Dimech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Lulju, 2004 ghall-habta ta' 10.45 p.m. f'diversi toroq f'Haz-Zabbar, saq vettura nru. EAD-069 :**
**1) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata ghal dik il-vettura;**
**2) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**3) saq l-imsemmija vetura b'manjiera traskurata;**
**4) b'manjiera perikoluza;**

**5) kif ukoll fl-istess data w cirkostanzi fi Triq il-Grazzji, Zabbar u fit-Triq ix-Xghajra, Zabbar, saq l-imsemmija vettura nru. EAD-069 kontra s-sinjal tat-traffiku ndikat fl-imsemmija toroq (one way sign);**
**6) u aktar naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu minn PC 921 D. Sciberras persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, l-Avviz Legali 94/69, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni, kif ukoll skwalifikatlu mill-licenzja kollha tieghu ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-raguni premessa tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn sabet lilll-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tal-ordni ta' skwalifika ghal zmien sena, tirriforma l-istess billi thassar il-piena fuq inflitta ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal piena alternattiva aktar adattata ghal kaz u persuna in ezami.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw biss il-piena ta' gimgha detenzjoni huma s-segwenti u cioe' :- 1li din il-piena ghandha tigi meqjusa bhala wahda severa wisq meta mqabbla mall-akkuzi per se u mall-fattispecje u cirkostanzi tal-kaz. 2. li dan kien incident wahdani fejn l-appellant ta' tifel immatur li hu ddecieda li johrog dawra bil-vettura t' ommu w hekk kif rah Pulizija u gharfu twerwer u mill-ewwel saq lura lejn daru w rega' dahhalha fil-garage ; 3 li l-kondotta tieghu rirrizulta netta; 4.li fiz-zmien tal-incident kien taht l-eta'; li l-familja tieghu diga' ghaddejja minn trawma ghax missieru qed jiskonta sentenza ta' habs**

**u hemm il-biza li tali piena tista' sservi aktar ta' deni milli gid;**

**Rat il-fedina penali aggornta tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi trattandosi ta' appell limitat ghall-piena jinghid mill-ewwel li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.).**

**Issa f' dan il-kaz l-appellant, li fid-data tar-reati minnu kommessi ma kienx ghadu ghalaq it-tmintax il-sena bi ftit xhur, instab hati ta' swqan bla licenzja w bla kopertura ta' polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi , ta' sewqan traskurat u perikoluz , u taz-zewg reati ta' natura kontravenzjonali cioe'li saq kontra s-sinjali tat-traffiku u li ma obdiex l-ordni legittima ta' l-pulizija.**

**Issa ghar-reati koperti bl-artikolu 15 (1) (a) u (2) tal-Kap.65 u cioe' dawk ta' sewqan bla licenzja u ghar-reat ta' sewqan b' mod perikoluz li jassorbixxi fih l-akkuza ta' sewqan traskurat skond it-tielet imputazzjoni u r-reat skond il-hames imputazzjoni, ie. sewqan kontra sinjal tat-traffiku , l-piena preskritta bil-ligi fil-kaz tal-ewwel reat hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn LM100 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur, kif ukoll sospensjoni jew skwalifika mill-licenzja ghal mhux inqas minn tlitt xhur. Ghar-reat taht it-tieni imputazzjoni kopert bl-artikolu 3 (1) (2) u (2B) tal-Kap.104, il-piena preskritta bil-ligi hija dik ta' multa ta' mhux inqas minn Lm250 izda ta' mhux aktar minn LM500 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur. Umbaghad, f' dan**

**l-ahhar kaz id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma japplikawx ghal xi reat kontra l-artikolu 3 tal-Kap.104. Ghar-reat kontravvenzjonali kopert bl-artikolu 338 (ee) tal-Kap.9 hemm mahsuba l-piena tal-kontravvenzjonijiet li tista tvarja minn massimu ta' xaharejn detenzjoni ghall-ammenda ta' LM25 jew inqas jew addirittura ghall-ammonizzjoni u reprensjoni**

**Issa pero' l-appellant fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat kien minorenni u ghalhekk skond l-artikolu 37 il-piena applikabbli ghar-reati ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn. Jidher li din ic-cirkostanza mitiganti ttiehdet in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti ghalkemm l-artikolu 37 ma jissemmiex fost l-artikoli li rat l-Ewwel Qorti meta giet biex tikkundanna lill-appellant. Dan ghaliex altrimenti l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti l-piena li tat, li hija nferjuri fil-kwalita' u fil-kwantita' minn dik preskritta ghar-reati l-aktar gravi fuq imsemmija.**

**Di fatti bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu 37, jekk il-piena tonqos bi grad, skond l-artikolu 31 (1) ( c ) tal-Kap. 9, l-inzul mill-grad ta' prigunerija minn xahar sa tlitt xhur isir ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn ghoxrin gurnata, jew ghad-detenzjoni jew ghall-ammenda u l-inzul mill-piena tal-multa skond is-sub-inciz (g) isir ghall-pieni stabiliti ghall-kontravvenzjonijiet li huma jew id-detenzjoni sa xaharejn, l-ammenda sa hamsa u ghoxrin lira jew ic-canfira jew twiddiba kif fuq intqal (Art. 7(2), 12 u 13 tal-Kap.9)**

**Illi ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, kienet decizament entro l-parametri tal-ligi, jekk wiehed jinzel grad skond ma jiddisponi l-artikolu 37.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero' konsidrata l-eta' tenera tal-appellant, il-fatt li hu "*first time offender*" u li dak li gara kien aktar kaz**

**ta’ avventura gjovanili milli kaz ta’ xi kriminalita’ punibbli b’ piena restrittiva tal-liberta’, din il-Qorti jidhrilha li jkun aktar xieraq li l-piena ta’ detenzjoni komplessiva li nghatat timbidel f’ wahda pekunjarja kif ser jintqal.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet htija fl-appellant ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu w ssospendietu w skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal periodu ta’ sena, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal gimgha detenzjoni w minnflok tikkundannah ghall-ammenda ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) ghall-ewwel imputazzjoni, ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (LM25) ghat-tieni imputazzjoni, ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (LM25) ghar-raba imputazzjoni li tassorbi fiha, t-tielet u l-hames imputazzjonijiet u ammenda ta’ hames liri Maltin (LM5) ghas-sitt imputazzjoni, b’ dana li jekk dawn ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f’periodu ta’ detenzjoni skond il-ligi bir-rata ta’ gurnata ghal kull hames liri skond l-artikolu 13 (2) u 14 (1) tal-Kodici Kriminali.

**Illi ghall-finijiet u effetti tal-artikolu 60 (1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi dikjarat li l-periodu ta’ ta’ sena ta’ skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghandu jibda min-nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------